## FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Gimgha 22 ta' Lulju, 2016

**Rik. Nru. 978/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 978/16 fl-ismijiet:

**FLIMKIEN GĦALL AMBJENT AĦJAR** (VO/0101); Din l-Art Ħelwa (VO/008); *Friends of the Earth* (VO/0091); u Dottor Marlene Farruġia għall-Partit Demokratiku

vs

**AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**; u b'degriet tal-5 ta' Lulju, 2016, TumasGasan Holdings Limited (C – 28031) tħalliet tidħol fil-proċeduri bħala intervenuta *in statu et terminis*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Ġunju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-assoċjazzjonijiet rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-Awtorita' intimata milli "żżomm l-laqgħa pubblika għad-diskussjoni tal-

applikazzjoni għal iżvilupp numerata PA 0581/16 liema laqgħa hi skedata li sseħħ nhar il-Ħamis, tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-ħdax u nofs (11.30) ta' filgħodu u li hi intiża biex jiġi diskuss u deċiż l-applikazzjoni proposta biex isir id-demolizzjoni ta' struttura eżistenti, skavar, il-bini ta' *reservoir*, parkeġġ, żvilupp għal skopijiet kummerċjali inkluż żvilupp kummerċjali skond il-*FAR Policy* u ta' żvilupp li jaqa' taħt l-użu indikat fil-klassijiet 4A, 4B, 4Ċ, 3Ċ, 2Ċ, 6A, bini ta' *supermarket* u showroom f'sit fi Triq il-Mergħat kantuniera ma' Triq l-Esportatur kantuniera ma' Triq l-Intornjatur, Birkirkara, Malta; u żżomm l-Awtorita' intimata milli tieħu deċiżjoni rigward l-iżvilupp propost fl-applikazzjoni sakemm l-istudji, pjanijiet ħolistiċi u evalwazzjonijiet u assessar kollha rikjesti jkunu twettqu u jsiru disponibbli lir-rikorrenti u l-pubbliku";

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2016, li bih laqgħet provviżorjament it-talba għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ordnat in-notifika lill-Awtorita' intimata bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fl-4 ta' Lulju, 2016, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li għall-każ tar-rikorrenti ma joqogħdux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub. B'mod partikolari, qalet li wieħed ma jistax jifhem kif qiegħed jintalab il-ħruġ ta' Mandat biex iżomm awtorita' pubblika milli twettaq xogħolha u tinżamm milli tikkunsidra u tiddetermina talba mressqa quddiemha, kif hija mistennija tagħmel bil-liġi. Hija lmentat mill-fatt li r-rikorrenti, bħala *third party objectors*, ressqu t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat ftit jiem qabel ma kellha tinżamm il-laqgħa u minkejja li kienu mgħarrfin biha jiem qabel. Żiedet tgħid li t-talba tar-rikorrenti hija waħda fiergħa u infondata għall-aħħar u biex issaħħaħ din l-allegazzjoni, hija tgħaddi biex tmieri waħda waħda ż-żewġ ilmenti tar-rikorrenti dwar in-nuqqasijiet imsemmijin minnhom fid-dokumentazzjoni mressqa mill-kumpannija li talbet li tagħmel l-iżvilupp (l-intervenuta Townsquare Sliema Limited) u li hija tgħid li kienu sewwasew maħsuba biex ikunu mistħarrġa fil-laqgħa li r-rikorrenti qegħdin jitolbu li tinżamm milli ssir. L-Awtorita' intimata tisħaq li safejn l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-mod kif il-*Planning Policy Guide* kien imwessa' biex idaħħal fih żviluppi ta' bini għoli fil-Qasam Industrijali fl-Imrieħel, limiti ta' Birkirkara, hija ma kellha x'taqsam bl-ebda mod, minħabba li dak id-dokument tfassal u kien approvat mill-Ministru konċernat bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lilu fl-artikoli 58(2)(f) sa (k) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-istess Ministru ma jagħmilx parti minn

din il-proċedura. Żiedet tgħid li dak li jinsab fir-rapport maħruġ mid-Direttorat tal-Ippjanar fuq l-Iżvilupp u li kellu jkun diskuss fil-laqgħa ma jorbotx idejn il-Bord tal-Ippjanar li kellu jqis il-kwestjoni fil-laqgħa msemmija jew, jekk ikun il-każ, f'laqgħat oħrajn. Hija tiċħad ukoll li żammet lir-rikorrenti fil-għama dwar ir-rapporti jew dokumentazzjoni li tressqet b'rabta mal-applikazzjoni għall-iżvilupp u saħqet li hija dejjem tat il-pubbliċita' xierqa lil kull dokument li kien disponibbli lir-rikorrenti meta jridu mis-sit elettroniku tagħha. Temmet tgħid li f'kull każ, ir-rikorrenti dejjem jifdlilhom rimedji oħrajn x'jieħdu skond il-liġi jekk kemm-il darba t-talba għall-iżvilupp kellha tintlaqa', u għalhekk jonqsu l-elementi tal-proporzjonalita' tal-preġudizzju u kif ukoll dak tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Semgħet id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-Awtorita' intimata waqt is-smigħ tal-5 ta' Lulju, 2016, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2016[1], li bih u fid-dawl ta' rikors imressaq mill-kumpannija TumasGasan Holdings Limited fl-4 ta' Lulju, 2016, laqgħet it-talba tal-imsemmija kumpannija biex titħalla tidħol f'din il-proċedura *in statu et terminis*;

Semgħet ix-xhud imressqa mir-rikorrenti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2016, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

## ***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitlobu li l-Qorti twaqqaf lill-Awtorita' intimata milli żżomm il-laqgħa msejħa b'avviż maħruġ fl-20 ta' Ġunju, 2016[2] biex il-Bord tal-Ippjanar tal-Awtorita' intimata jikkunsidra t-talba (Applikazzjoni PA 0581/16) magħmula mill-kumpannija TumasGasan Holdings Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "l-intervenuta") għal żvilupp f'sit li jinsab fil-

[1] Paġ. 135 tal-atti
[2] Dokti "AV3" u "A", f'paġġ. 17 u 50 tal-atti

Qasam Industrijali tal-Imrieħel, fil-limiti ta' Birkirkara, għal liema laqgħa l-assoċjazzjonijiet rikorrenti kienu mistiedna jattendu fil-kwalita' tagħhom ta' persuni li kienu qegħdin joġġezzjonaw għall-iżvilupp propost;

Tqis li r-rikorrenti huma lkoll entitajiet li sa minn qabel kienu irreġistraw l-oppożizzjoni tagħhom għall-iżvilupp propost mill-intervenuta[3] u għalhekk għandhom jedd li jieħdu sehem fil-proċeduri marbuta mal-imsemmija laqgħa;

Tqis li fejn jidħol żvilupp fil-Qasam Industrijali tal-Imrieħel, l-Awtorita' intimata kienet ilha li ħabbret it-tfassil ta' politika riveduta għal *Floor Area Ratio (F.A.R.)* b'rabta ma' żvilupp li jogħla 'l fuq minn ċertu għoli[4];

Tqis li r-rikorrenti jilmintaw li minkejja li nħareġ Dokument imsejjaħ " *A Planning Policy Guide on the Use and Applicability of the Floor-to-Area Ratio Policy*" mniedi mill-Ministeru f'Mejju tal-2014[5], li huma linji-gwida li jirrigwardaw politika ta' żvilupp fejn jidħol bini għoli bħalma huwa l-iżvilupp propost mill-intervenuta, ma kien imsemmi mkien li dak kien jgħodd ukoll għall-Qasam Industrijali tal-Imrieħel, u li l-applikazzjoni tal-imsemmi Dokument għal proġetti ta' żvilupp f'dak il-Qasam saret bil-ħabi u minn wara dahar il-pubbliku u l-assoċjazzjonijiet interessati fil-ħarsien tal-ambjent[6];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[7];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[8]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll

[3] Xhieda ta' A.I.Ċ. Tara Cassar f'paġġ. 130 – 1 tal-atti
[4] Dok "F", f'paġġ. 62 – 3 tal-atti
[5] Dok "G", f'paġ. 64 tal-atti
[6] Dokti "AV1" u "AV2", f'paġġ. 10 – 6 tal-atti
[7] Art. 873(1) tal-Kap 12
[8] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[9];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[10]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollha jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, fi proċedura bħal din, il-Qorti ma tqisx ħwejjeġ li jkunu diġa' twettqu, imma dawk li jkun hemm il-ħsieb jew il-biżgħa li sejrin jitwettqu. Għalhekk, safejn l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-applikazzjoni tal-politika tal-F.A.R. ukoll għall-Qasam Industrijali tal-Imrieħel, din hija lil hinn mill-għanijiet tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub, ladarba l-politika ilha li tfasslet sa minn bosta xhur qabel ma ntalab il-ħruġ tal-Mandat. Minbarra dan, kif sewwa tgħid l-Awtorita' intimata, dik il-politika saret u kienet approvata mill-Ministru li ma huwiex parti f'din il-proċedura u li għalhekk ma jista' jingħata l-ebda provvediment fir-rigward tiegħu f'dan il-waqt;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[11] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

[9] Art. 875(3) tal-Kap 12
[10] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[11] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis li t-talba li qiegħda ssir f'dan ir-rikors tal-lum, tixbah ħafna talba oħra li saret minn uħud mill-istess rikorrenti u minn persuni oħrajn interessati dwar żvilupp f'banda oħra f'Malta u li dwaru din il-Qorti tat il-provvediment tagħha b'degriet ieħor illum[12];

Tqis li dwar l-ewwel rekwiżit, għalkemm l-Awtorita' intimata ma ikkonfermatx fid-dieher waqt is-smigħ, hija għamlitha ċara li kien fi ħsiebha tibqa' għaddejja bil-laqgħa iffissata li kieku ma kienx għad-degriet provviżorju mogħti minn din il-Qorti dakinhar li tressaq quddiemha r-rikors u li żammha milli ssejjaħha. Għalhekk, dan l-element li fuqu l-Qorti tista' tgħaddi biex tqis tilqax jew le t-talba tar-rikorrenti jirriżulta soddisfatt;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrenti huwa dak li l-proċess tal-istħarriġ mill-Bord tal-Iżvilupp dwar is-siwi tat-talba tal-intervenuta sejjer ikun nieqes minn studji meħtieġa li huwa mistenni li jkunu quddiemu dakinhar tal-laqgħa li ssejħet;

Tqis ukoll li r-rikorrenti jisħqu li huma għandhom interess li l-iżvilupp mitlub mill-intervenuta jitwettaq skond il-proċeduri tal-liġi domestika u dik Ewropeja u wara li jitqiesu l-konsiderazzjoni l-aspetti rilevanti kollha. Dan kollu joħroġ mill-fatt li l-assoċjazzjonijiet rikorrenti jaħdmu biex ikun hawn għarfien u jissensibilizzaw il-fehma pubblika fuq ħwejjeġ li jolqtu l-ambjent, magħdud kwestjonijiet li jirrigwardaw żvilupp ta' bini bħalma huwa dak maħsub mill-intervenuta, liema żvilupp ma jistax ma jkollux effett fuq is-saħħa tal-pubbliku, fuq it-traffiku li sejjer jiġġenera, fuq l-ambjent u l-aspetti ekonomiċi marbuta mal-istess proġett;

Tqis li l-liġi tagħraf ukoll il-jedd tar-rikorrenti li, ladarba irreġistraw l-oppożizzjoni tagħhom għall-iżvilupp propost mill-intervenuta, huma jkollhom jieħdu sehem attiv f'kull stadju tal-ipproċessar tat-talba tal-istess intervenuta;

Tqis ukoll li l-liġi tagħtihom dan il-jedd sabiex jingħataw garanzija ta' konsultazzjoni wiesgħa u effettiva sakemm tittieħed id-deċiżjoni dwar it-talba;

Tqis, iżda, li l-jedd mogħti mil-liġi jippresupponi li l-Awtorita' twettaq il-proċess ta' applikazzjoni li tkun saritilha. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu sewwasew iż-żamma tal-imsemmi proċess. L-għaref

[12] Rik. Inib. Nru. 935/16JRM

difensur tar-rikorrenti, fit-trattazzjoni tagħha tar-rikors, fissret b'mod lejali li l-għan tar-rikorrenti mhuwiex dak li jwaqqfu lill-Awtorita' intimata milli twettaq dak li l-liġi tagħtiha s-setgħa li tagħmel, iżda li jassiguraw li l-istess Awtorita' twettaq xogħolha sewwa. Huma jilmentaw ukoll li l-Awtorita' intimata qiegħda tgħaġġel il-proċess biex torbot idejn il-Gvern waqt li għadu għaddej il-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-politika li tirrigwarda żviluppi fil-għoli fl-Imrieħel;

Tqis li dan ifisser li l-jedd li r-rikorrenti jistrieħu fuqu huwa wieħed li, kif sewwa qal l-għaref difensur tal-intervenuta, jissarraf fi stħarriġ tal-mod kif iġib ruħu l-Bord tal-Iżvilupp fil-laqgħa u l-proċess imwettaq skond il-liġi li taħtha huwa mwaqqaf, u liema stħarriġ jista' jsir biss jekk kemm-il darba l-istess Bord iwettaq il-funzjonijiet tiegħu u mhux billi jitwaqqaf milli mqar jibdihom;

Tqis li f'dan ir-rigward, l-Awtorita' intimata għandha raġun ukoll meta, permezz tal-għaref difensur tagħha, tgħid li dak li dwaru jilmentaw ir-rikorrenti setgħu u għadhom jistgħu jitolbuh b'jedd jekk kemm-il darba l-laqgħa li jridu jżommu titħalla ssir. L-istess meta jgħid li l-fatt li l-laqgħa tinżamm ma jfissirx li dan sejjer isir biex tabilfors tintlaqa' t-talba tal-intervenuta: u dan għaliex il-Bord jista' daqstant ieħor jiċħad it-talba tagħha u b'hekk ir-rikorrenti jilħqu l-għan ewlieni tagħhom li l-proġett ma jitħalliex isir[13];

Tqis li r-rikorrenti jridu li d-dokumentazzjoni li jgħidu li l-intervenuta naqset li tressaq irid ikollhom żmien effettiv biex jarawha u jieħdu l-fehmiet tal-esperti mqabbdin minnhom ħalli jkunu f'qagħda li jikkummentaw dwarha;

Tqis, iżda, li dan il-jedd ma jissarrafx f'jedd mad-daqqa ta' għajn biex iżżomm il-proċess milli jitkompla;

Tqis li dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tagħtix lok għal *specific performance*, iżda għal rimedji oħrajn[14]. Wara kollox, il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[15]. Fit-tieni lok, għaliex ma jistax jingħad li jeżisti jedd mad-daqqa t'għajn għall-ħruġ tal-Mandat jekk "*prima facie* ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaċi tiġi dedotta in ġudizzju quddiem il-

---

[13] Ara P.A. AE **29.1.2016** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Jonathan Buttiġieġ vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

[14] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

[15] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

Qorti…"[16]. Kif tajjeb issottometta l-għaref difensur tal-intervenuta f'dan ir-rigward, jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrenti ma kienx ikollhom l-ebda azzjoni xierqa x'iressqu kif trid il-liġi, ħlief waħda dikjaratorja, billi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma ssirx biex il-Qorti tiddeċiedi hi minflok il-Bord tal-Iżvilupp u żgur mhux qabel ma l-Bord ikun iddeċieda[17];

Tqis għalhekk lir-rikorrenti naqsu li juru li għandhom il-jedd mad-daqqa t'għajn biex bis-saħħa tiegħu it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tista' tintlaqa';

Tqis li l-Qorti tista' tieqaf hawn, ladarba l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi: madankollu, il-Qorti tqis li huwa xieraq ukoll li tindirizza l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat u l-kwestjoni tal-proporzjonalita' tal-ħsara li l-partijiet rispettivi jistgħu jġarrbu jekk il-Qorti tagħżel li tilqa' jew li tiċħad it-talba;

Tqis li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[18], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, f'dan il-każ, intwera li r-rikorrenti ma wrewx li ż-żamma waħedha tal-laqgħa tissarraf f'ċaħda irrimedjabbli tal-jeddijiet magħrufa tagħhom li jopponu b'kull meżż legali għall-iżvilupp propost mill-intervenuta. Għall-kuntrarju, fit-tweġiba tagħha, l-Awtorita' intimata fissret li fost ir-rimedji effettivi li r-rikorrenti għandhom fil-liġi hemm saħansitra dik li jniedu proċedura fejn permess għal żvilupp approvat jista' jkun sospiż għal żmien u l-ebda xogħol approvat ma jkun jista' jinbeda[19];

Tqis li fil-kontro-eżami tax-xhud imressqa mir-rikorrenti ħareġ li dak li minnu jilmintaw fir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat jistgħu jressquh u jkun mistħarreġ fil-laqgħa nnifisha. Minbarra dan, intwera wkoll li l-laqgħa ma ssejħitx biex tirratifika l-applikazzjoni, imma biex tqisha. Daqskemm it-talba tal-intervenuta tista' tintlaqa', daqstant ieħor tista' tkun miċħuda. Fit-tieni lok, ukoll kieku l-Bord tal-Iżvilupp kellu jilqa' t-talba tal-intervenuta, hemm bosta rimedji li r-rikorrenti jistgħu jinqdew bihom bil-liġi biex jattakkaw id-deċiżjoni meħuda u biex il-jeddijiet li huma għandhom ikunu mħarsin. Il-ħruġ tal-Mandat mitlub minnhom, iżda, ma

[16] Ara App. Ċiv. **2.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Nutar Dr Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et*** (mhix pubblikata) u P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et*** (mhix appellata)
[17] Ara P.A. LM **27.5.2016** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Trafalgar Co Ltd et vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[18] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[19] Art. 72(3) tal-Kap 552

jidhirx li huwa wieħed minnhom, partikolarment minħabba n-natura straordinarja tiegħu. Il-qagħda attwali ma waslitx fi stadju li ma tistax titreġġa' lura u jekk joħroġ tabilħaqq li n-nuqqasijiet li r-rikorrenti jilmintaw minnhom (partikolarment dwar dak li jitlob l-FAR) itebbgħu il-proċess, ir-rimedju li jista' jingħata huwa t-tħassir ta' kulma jkun sar. Għalhekk ma huwiex meħtieġ li biex dak ir-rimedju jinkiseb, irid ikun inħareġ il-Mandat. Dan jgħodd ukoll għal min iqis li n-nuqqas ta' ħruġ tal-Mandat ikun tah xi assoluzzjoni ġenerali li jista' jagħmel li jogħġbu jew li dak li sar sa issa ma jistax ikun mistħarreġ mill-ġdid fis-sedi u fi proċediment xieraq;

Tqis għalhekk li dan l-element għall-ħruġ tal-Mandat ukoll jirriżulta, fiċ-ċirkostanzi, nieqes;

Tqis ukoll li, mill-aspett tal-element tal-proporzjonalita', it-talba tal-kumpannija rikorrenti ma tidhirx mistħoqqa. F'dan il-każ, l-Awtorita' intimata hija "newtrali" għaliex iżżomm jew ma żżommx il-laqgħa, mhu sejjer jiġrilha xejn. Iżda t-twettiq minn awtorita' pubblika tal-funzjonijiet tagħha ma tistax titqies bħala jedd jew privileġġ, imma dmir. It-twaqqif bil-ħruġ tal-Mandat milli l-Awtorita' twettaq id-dmirijiet tagħha jissarraf fi preġudizzju, għaliex dak li l-liġi tagħti lill-Awtorita' intimata li twettaq ma jistax jitwettaq minn ħaddieħor. Meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li tista' ġġarrab l-Awtorita' intimata f'dan ir-rigward ma' dak li jseħħ kieku t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', il-ħsara li tiġri minħabba t-twaqqif tal-Awtorita' milli titħalla twettaq is-setgħat tagħha se' tkun wisq akbar milli kieku l-proċess kellu jibqa' miexi 'l quddiem. Il-possibilita' li t-talba tal-intervenuta tintlaqa', min-naħa l-oħra, ma jfissirx li l-ħsara li r-rikorrenti jistgħu iġarrbu sejra tkun waħda irrimedjabbli jew sproporzjonata;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li lanqas dan l-element ma jirriżulta u, minħabba f'hekk, jiġi li jonqos wieħed ieħor mill-elementi li huma meħtieġa biex tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis għalhekk li ma jirriżultax li r-rikorrent wrew li jeżistu l-elementi biex it-talba tagħhom tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2016,** safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub minnhom; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Gimgha, 22 ta' Lulju, 2016.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**